L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dr Claude Sapiano, LLD
*Aġent Reġistratur tal-Artijiet*

It-18 ta' Diċembru, 2020

**Nru. 1491**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI**

**Regolament 32 tar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar**

*Ordni għall-Immaniġġjar tal-Kwalità tal-Arja*

IL-MINISTRU għall-Ambjent, fuq il-parir tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu bir-Regolament 32 tar-Regolamenti dwar-il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar, b'din qed jagħmel l-Ordni li ġejja.

Din l-Ordni tista' tiġi riferuta bħala Area għall-Immaniġġjar tal-Kwalità tal-Arja (Nru. 1) u għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Diċembru, 2020.

Iż-żona rrigata bl-iswed murija fuq il-mappa f'paġna 11,851 tinsab fil-konfini tal-Kunsilli Lokali tal-Imsida, Tal-Pietà, il-Furjana, il-Ħamrun, il-Marsa, Ħal Qormi, Ħal Luqa u Paola. L-Area nkwistjoni hija marbuta bil-koordinati li ġejjin[1] Latitudni 35.89850287˚N, Lonġitudni 14.49039442˚E fl-iktar punt tat-Tramuntana tagħha, Latitudni 35.86841055˚N, Lonġitudni 14.48714166˚E fl-iktar punt tan-Nofsinhar tagħha, Latitudni 35.87444452˚N, Lonġitudni 14.47037934˚E fil-punt l-aktar Punent tagħha u Latitudni 35.88237592˚N, Lonġitudni 14.51492081˚E fl-iktar punt tal-Lvant tagħha. Il-mappa se tkun esibita għall-pubbliku fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali rispettivi u qiegħda tiġi ppubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

L-Area hija magħżula fir-rigward tal-valur limitu fuq medja ta' ġurnata tal-livelli ta' trab fin (PM10) fl-2018 kif speċifikat f'Regolament 32 tar-Regolamenti tal-Kwalità tal-Arja tal-Madwar 2010.

Din l-Ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata b'ordni sussegwenti.

[1]European Datum 1950 – Decimal Degrees

Dr Aaron Farrugia
*Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar*

It-18 ta' Diċembru, 2020

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
*Acting Land Registrar*

18th Deceember, 2020

**No. 1491**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Regulation 32 of the Air Quality Regulations 2010**

*Air Quality Management Order*

THE Minister for the Environment acting on the advice of the Environment and Resources Authority, in exercise of the powers conferred upon him by regulation 32 of the Air Quality Regulations, 2010, hereby makes the following Order.

This Order may be referred to as the Air Quality Management Area (No.1) and shall come into effect on 18th December, 2020.

The shaded area shown on the map on page 11,851 is within the confines of the Msida, Tal-Pietà, Floriana, Ħamrun, Marsa, Ħal Qormi, Ħal Luqa and Paola Local Councils. The area in question is bound by the following coordinates[1] Latitude 35.89850287˚N, Longitude 14.49039442˚E at its northernmost point, Latitude 35.86841055˚N, Longitude 14.48714166˚E at its southernmost point, Latitude 35.87444452˚N, Longitude 14.47037934˚E at its westernmost point and Latitude 35.88237592˚N, Longitude 14.51492081˚E at its easternmost point. The map may be viewed at the respective Local Councils' offices and is being published on the Government Gazette.

The Area's designation is based on the registered daily limit value for particulate matter PM10 in 2018 as specified in Regulation 32 of the Air Quality Regulations 2010.

This Order shall remain in force until it is revoked by a subsequent order.

[1]European Datum 1950 – Decimal Degrees

Dr Aaron Farrugia
*Minister for the Environment, Climate Change and Planning*

18th December, 2020

Kwalità tal-Arja/Air Quality

**Anness 1/Annex 1**

